MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

SEDUTA TA' L-24 TA' GUNJU, 2013

RIKORS NUMRU. 353/2013

**V.A.B. COMPANY LIMITED (C 10327)**

**VS.**

**KUMMISSARJU TAT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIZJUD**

**Il-Qorti ,**

Rat ir- Rikors ta’ V.A.B. Company Limited tat-12 t’April 2013 li jaqra hekk ;

*“Illi s-socjeta rikorrenti rceviet nota ta’ talba ghall hlas mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li permezz*

*taghha giet interpellata sabiex thallas l-ammont ta' seba' mija u tmintax-il ewro u tmenin centezmu (€718.80) bhala taxxa fuq il-valur mizjud;*

*Illi jezistu provi kuntrarji li juru li 1-ammont pretiz mill-intimat mhuwiex dovut mis-socjeta' rikorrenti u ghaldaqstant qieghed jigi ntavolat ir-rikors odjern;*

*Illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet –*

*Illi s-socjeta' rikorrenti ilha ma topera ghal madwar dawn l-ahhar ghaxar snin u ghalhekk, kull talba hija preskritta;*

*Illi ma jirrizultax li fil-fatt, huma dovuti xi ammonti ta' taxxa fuq il-valur mizjud;*

*Illi ghaldaqstant l-avviz mahrug mill-intimat kontra s-socjeta' rikorrenti ma jistax jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-konfront taghha;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta' esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba maghmula fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz tan-nota ta' talba ghall-hlas tal-5 ta' April 2013 bhala wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt."*

Rat li l-atti tar-rikors tat-12 t'April 2013, u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond il-ligi;

Rat in-nota t'**ammissjoni** tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tad-9 ta' Mejju 2013;

Rat il-verbal ta' din il-Qorti tad-9 ta' Mejju 2013 illi bih il-kawza giet imholliha ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Fuq l-istess amissjoni tal-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 9 ta' Mejju 2013, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet ta' socjeta' rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------